MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 991/2010

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**Vincent Mercieca**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Vincent Mercieca**, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 0146562(M), gie akkuzat talli nhar il-26 ta' Settembru 2010 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu (08.30hrs), fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Terry Seguna u Oliver Grixti, permezz ta' arma irregolari (flixkun tal-hgieg) kollha minn Had-Dingli u dan skond kif iccertifka Dr. Josef Mifsud M.D Med. Reg. No. 3231 ta' l-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Kenneth Scicluna minn Had-Dingli, permezz ta' arma irregolari (flixkun tal-hgieg) u dan skond kif iccertifika Dr. Josef Mifsud M.D Reg.No. 3231 ta' l-Isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamilt offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS 69 Jesmond Cremona u PC 1415 Ryan Borg;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bi kliem lil Terry Seguna, Oliver Griscti u Kenneth Scicluna kollha minn Had-Dingli;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghad li kien xurban qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-21 ta` Gunju 2011 (ara *folio* 125) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 148);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 2 ta` Frar 2015 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda daqstant bikrija. Xort wahda qed tinghata l-piz fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset id-dikjarazzjoni ta` l-imputat fl-udjenza ta` llum stess fejn tindika d-dispjacir tieghu ghall-ghemil xejn civili u fejn huwa assuma r-responsabbilta` minghajr rizervi ghal dak li ghamel. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni kongunta tal-prosekuzzjoni u d-difiza, maghmula wkoll fl-udjenza ta` llum stess, fejn gie ppuntwalizzat li fid-dawl ta` dak kollu rizultanti, huma tal-fehema li l-aktar sanzjoni indikata hija dik ikkontemplata taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Qieset ukoll li l-imputat ghandu impjieg/sengha stabbli, u l-Qorti ntalbet tuza l-klemenza ma` l-imputat sabiex huwa na jitlifx din l-istabbilita` fix-xoghol.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 28A, 95, 214, 215, 217, 218, 221, 338(bb)(dd), 339(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Vincent Mercieca hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u konsegwentement tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tmintax-il xahar mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Vincent Mercieca, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------